**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**81 & 82 Limited**

**vs**

**Mario Borg**

**Rikors Guramentat Numru: 1134/2013JD**

Illum 4 ta' Novembru, 2020

Il-Bord,

Ra r-Rikors Guramentat tas-socjeta' rikorrenti[1] pprezentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2013 :

1. Illi s-socjeta' esponenti hija l-propjetarja tal-fondi bin-numri ufficjali wiehed u tmenin (81), tnejn u tmenin (82), u tnejn u tmenin ittra A fi triq ix-Xatt (The Strand, Sliema, u l-fondi li jmissu maghhom minn naha ta'wara bin-numru ufficjali tlieta (3) u erbgha (4) fi Triq Sant' Agata, Sliema.
2. Illi di fatti s-socjeta' esponenti kienet xtrat u akkwistat l-utile dominju temporanju ghaz-zmien li kien fadal mill-koncessjoni enfitewtika originali relattiv ghal dawn il-fondi kollha permezz ta' kuntratt pubbliku datat 15 ta' Marzu, 2012 in atti Nutar Dottor Ian Castaldi Paris (kopja han annessa bhala Dok. 'B' ) kif sussegwentement korrett permezz ta' kuntratt pubbliku datat 1 ta' Frar, 2013 in atti Nutar Dottor Ian Castaldi Paris (kopja hawn annessa bhalha Dok 'C' ), filwaqt li xtrat u akkwistat ukoll id-dirett dominju temporanju relattiv ghall-imsemmija fond minghand il-Kapitlu tal-Kattidral permezz ta' kuntratt pubbliku datat 8 ta' April, 2013 in atti Nutar dottor Ian Castaldi Paris (kopja hawn annessa bhala Dok. 'D') sabiex b'hekk saret il-proprjetarja assoluta ta' dawn il-fondi.
3. Illi l-intimat qieghed jokkupa l-fond bin-numru ufficjali tnejn u tmenin ittra "A" (82A) bl-isem odjen "Amy's" fi Triq ix-Xatt (The Strand ) , Sliema minghajr ebda' titolu validu .

[1] Fol. 1 sa 3 tal-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili

4. Illi s-socjeta' esponenti interpellat lill-intimat sabiex jizgombra mill-imsemmi fond u jirrilaxxja l-pusssess battali tieghu a favur tal-istess socjeta' esponenti u dan anke permezz ta'ittra datata 14 ta' Ottubru, 2013 (kopja hawn annessa bhala Dok. "E"). izda l-intimat baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.
5. Illi fil-fehma tas-socjeta' esponenti l-intimat mghandu ebda eccezzjonijiet x'jaghti skond il-ligi biex jiddefendi ruhu mit-talbiet tas-socjeta' esponenti u ghalhekk din il-kawza ghandha tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh u skond proceduri specjali sommarji.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(i) Tiddeciedi din il-kawza skont it-talba bid-dispensa bis-smiegh a tenur tal-artilolu 169 et sequitur tal-Kap.12 tal- Ligijiet ta' Malta:

(ii) prevja kull dikjrazzjoni ohra talvolta mehiega u necessarja , tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat qieghed jokkupa l-fond bin-numru ufficjali tnejn u tmenin ittra "A" (82A) bl-isem odjern "Amy's " fi Triq ix-Xatt (The Strand ), Sliema minghajr ebda titolu validu fil-ligi u ghalhekk huwa obbligat li jizgombra minnu u li jghaddi l-pussess vakant tal-istess lis-socjeta' rikorrenti; u

(iii) konsegwentement tordna u tikkundanna lill-intimat sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu stabbilit minn din l- Onorabbli Qorti, jinzgombra mill- fond bin- numru ufficjali tnejn u tmenin ittra "A" (82A) bl-isem odjern "Amy's " fi Triq ix-Xatt (The Strand ) , Sliema u jghaddi l-pussess vakant tal- istess lis-socjeta' rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni u b'rizerva ta' kull dritt t'azzjoni ohra spettanti lis-socjeta' rikorrenti kontra l-istess intimat inkluz ghall-hlas tad-danni ghall-okkuppazjoni minghajr titolu tal-fond in kwistjoni.

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors Guramentat[2] promotur.

Ra r-Risposta Guramentata tal-intimat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[3] li permezz taghha l-istess intimat eccepixxa li:

1. Illi preliminarjament qed tigi eccepita l-inkompetenza ta' Dina l-Onorabbli Qorti ratione materiae stante li l-intimat qieghed jokkupa l-fond 82 A, "Amy's The Strand, Sliema , b'titolu validu fil-ligi u dan in vista' tal-kuntratt ta' sullokazzjoni moghtija a

---

[2] Fol. 4 sa 16 tal-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[3] Fol. 22 sa 24 tal-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili

favur ta' l-intimat datat il- 5 ta' Mejju, 1987 u ilu jaghmel uzu ininterrot mill-imsemmi fond sa minn ferm qabel mas-socjeta' attrici saret is-sid il-gdid tal-imsemmi fond ;

2. Illi s-socjeta' attrici hija ben konsapevoli tal-okkupazzjoni ta' l-intimat u dan kif jirrizulta' ampjament mill-kuntratt ta' kompro-vendita datat il- 15 ta' Marzu, 2012 (Dok "B" anness mar-Rikors Promotur ) li jistipola' s-segwenti :-

> *"Il- vendituri m'humiex qed jiggarantixxu l-pussess vakanti anzi jiddikjaraw , u l- kumparenti jaccettaw u jiddikkjaraw li huma jafu, illi partijiet mill-propjeta' hawn in vendita' jinsabu okkupati minn terzi u l- Vendituri fuq dana l-att m'huma qed jaghtu ebda garanzija kwalsijasi ta' pussess vakant.*

3. Illi bla pregudizzju u fid-dawl ta' dak fuq espress, m'hemm l-ebda rabta guridika bejn is-socjeta' attrici qua s-sid tal-fond mertu tal-kawza u l-intimat qua sub-inkwilin;

4. Illi in vista tas-succepit , is-socjeta' attrici m'ghandha l-ebda kapacita' processwali li tressaq istanza direttament kontra s-sub – inkwilin u ghalhekk jonqosha l-interess guridiku mehtieg fil-ligi. Konsegwentement, l-intimat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici;

5. Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Ra d-dokument anness mal-istess Risposta Guramentata[4].

Ra l-provi kollha mressqa mill-partijiet quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Ra s-Sentenza moghtija fl-4 ta' Lulju 2017[5] li permezz taghha l-Prim'Awla tal-Qorti Civili laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-intimat, u ddikjarat li ma kellhiex kompetenza tista' u tiddeciedi din il-kawza, filwaqt li baghtet l-atti lil dan il-Bord kif kompost ghall-kontinwazzjoni.

Ra d-dokumenti pprezentati mill-partijiet.

Sema' lix-xiehda mressqa minnhom quddiem dan il-Bord.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni orali tad-difensuri taghhom.

---

[4] Dok. MB1, fol. 25 sa 27 tal-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili

[5] Fol. 134 et seq. tal-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili

**Ikkunsidra li:**

B'din il-kawza, is-socjeta' rikorrenti qed titlob li dan il-Bord jiddikjara li l-intimat qed jokkupa l-fond 82A, Amy's, fi Triq ix-Xatt, Sliema, minghajr ebda titolu validu fil-ligi, u li ghalhekk huwa obbligat jizgombra minnu, u konsegwenement jipprefiggi terminu qasir u perentorju ghall-izgumbrament tieghu mill-istess fond. L-intimat iddefenda ruhu kontra din it-talba billi qal li s-socjeta' rikorrenti kienet taf bl-okkupazzjoni tieghu meta xtrat il-fond, ma' fondi ohra adjacenti, tant li fil-kuntratt tal-akkwist taghha accettat li dan il-fond ma kinetx qed tixtrih bil-pussess vakanti, jew b'xi garanzija dwar pussess vakanti. L-intimat eccepixxa wkoll li m'ghandu ebda rabta guridika mar-rikorrenti, bhala subinkwilin ta' dan il-fond, u li ghalhekk l-istess socjeta' rikorrenti jonqosha l-interess guridiku biex tressaq it-talbiet proposti minnha kontra l-intimat.

**Ikkunsidra wkoll li:**

Irrizulta mill-provi li, b'kuntratt tal-15 ta' Marzu 2012[6] pubblikat min-Nutar Ian Castaldi Paris, is-socjeta' rikorrenti xtrat minghand diversi komproprjetarji l-utile dominju temporanju ghaz-zmien li kien fadal dakinhar mill-koncessjoni originali li kellha taghlaq fil-31 ta' Dicembru 2015 relattivament ghall-fondi urbani 81 u 82, Triq ix-Xatt, Sliema, u l-fondi adjacenti 3 u 4, Triq Sant'Agata, Sliema, soggetti ghac-cens annwu u temporanju ta' €2.33 pagabbli lill-Kurja Arciveskovili. B'kuntratt korrettorju tal-1 ta' Frar 2013 pubblikat mill-istess Nutar[7], il-partijiet iddikjaraw li l-fond 82, Triq ix-Xatt, Sliema, kien effettivament inqasam f'zewg fondi, wiehed li zamm in-numru 82 u iehor bin-numru 82A u jismu 'Amie's', drabi ohra maghruf bhala 'Mario', fl-istess Triq ix-Xatt, Sliema. Il-partijiet kontraenti ccaraw li dan il-fond l-iehor ukoll, bin-numru 82A, kien inkluz fil-bejgh originali. Sussegwentement, fit-8 ta' April 2013, b'att iehor tal-istess Nutar Castaldi Paris[8], is-socjeta' rikorrenti xtrat id-drittijiet direttarji kollha, inkluz il-proprjeta' shiha wara l-iskadenza tal-enfitewsi, dwar dawn l-istess fondi, minghand il-Kapitlu tal-Kattidral.

B'ittra ufficjali tal-14 ta' Ottubru 2013, ir-rikorrenti interpellat lill-intimat sabiex jizgombra mill-fond mertu tal-kawza, ghaliex pretendiet li huwa kien qed jokkupah minghajr titolu validu fil-ligi.

L-intimat pprezenta kopja ta' skrittura datata 5 ta' Mejju 1987[9] li permezz taghha Anthony Busuttil sive Roberts kien issulloka l-hanut 82A, The Strand, Sliema, lill-

[6] Dok. B, fol. 5 sa 8 tal-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[7] Dok. C,. fol. 9 sa 11 tal-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[8] Dok. D, fol. 12 sa 14 tal-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[9] Fol. 25 sa 27 tal-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili

intimat, b'kunsiderazzjoni ta' LM912.50 u bil-kera ta' LM2.50 kuljum, pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem, ghal zmien erba' snin. Wara erba' snin, il-kera kellha toghla skond l-gholi tal-hajja.

Fl-affidavit tieghu[10] mressaq quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, l-intimat iddikjara li kien kera l-fond mertu tal-kawza minghand Anthony Busuttil sive Roberts fil-5 ta' Mejju 1987, bil-kera u l-kundizzjonijiet kollha stipulati fil-ftehim imsemmi datat 5 ta' Mejju 1987. Qal ukoll li l-kera kien ihallasha kull xahar lil dan Anthony Busuttil sive Roberts. Dan miet ghall-habta tas-sena 2006, u wara, l-intimat jghid li baqa' jhallas il-kera lill-armla tieghu Carmen Roberts. Din giet nieqsa ghall-habta tas-sena 2013, u wara l-mewt taghha, il-kera beda jghaddiha lit-tifla taghhom Pamela Roberts, li pero' ma tghixx Malta, u l-kera kienet tigborha f'isimha certa Anna Borg. L-intimat qal li dan il-hanut ghadu juzah sal-lum, jiftah kuljum mis-7am sa tard filghaxija, u m'ghandux impjieg jew introjtu iehor. L-intimat kompla jghid li, ghall-habta tas-sena 2011, kien kellmu certu Michael Spiteri, li qal li kien is-sid tal-fond in kwistjoni, u offrielu hlas ta' €233,000 biex icedi d-drittijiet lokatizji tieghu. L-intimat tah id-dettalji minghand min kien jikri hu, u qal li kellu jkellem lilha. Wara dan, ma gara xejn aktar, u mbaghad Michael Spiteri gharraf lill-intimat li ma kienx baqaghlu x'jaqsam mal-fond. L-intimat iddikjara li lis-socjeta' attrici ma jafhiex.

L-intimat ipprezenta wkoll kopji tal-licenzji kummercjali[11] li Anthony Busutil sive Roberts, u huwa nnifsu, kellhom tul is-snin fuq dan il-fond, dejjem ghall-uzu tieghu bhala hanut.

L-intimat ressaq ukoll kopja ta' ftehim privat li kellu mal-kumpanija J.P. & A. Properties Limited, datat 18 ta' Dicembru 2007[12], b'weghda li jivvaka mill-fond mertu tal-kawza, u jcedi d-drittijiet kollha tieghu ghall-hlas imwieghed ta' €232,937.34, soggett ghal diversi kundizzjonijiet, inkluz li l-istess kumpanija tiftiehem mal-okkupanti l-ohra tal-fondi adjacenti biex takkwista l-istess fondi b'pussess vakanti, u tixtri d-drittijiet kollha tad-direttarju fuq l-istess fondi. Il-kundizzjonijiet rizoluttivi kellhom jigu sodisfatti sa Marzu 2009. Meta xehed dwar din l-iskrittura[13], l-intimat insista li Michael Spiteri, in rapprezentanza tas-sidien, kien prezenti meta sar dan il-ftehim ghand in-Nutar Mangion.

In kontroezami[14], l-intimat qal li fl-2015 kien ilu 33 sena fil-fond mertu tal-kawza, minn meta hadu minghand Tony Roberts. Qal li l-fondi 81 u 82 jinsabu okkupati minn ommu u ohtu, ghalkemm hu gieli raqad hemm ukoll. Il-hanut pero' nsista li kien hadu qabel ma' ommu dahlet tokkupa d-dar ta' hdejh – meta ha l-hanut hu, id-dar kienet toqghod fiha certa Mrs Gibson, li mbaghad mietet, u fid-dar l-ewwel dahal zijuh, u mbaghad

---

[10] Fol. 32 sa 33 tal-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[11] Fol. 42 sa 47 tal-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[12] Dok. LC1, fol. 51 sa 53 tal-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[13] Ara xiehda, 20.1.2015, fol. 54 sa 58 tal-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[14] Ara xiehda, 10.12.2015, fol. 101 sa 105 tal-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili

ommu. L-intimat qal li l-kera dejjem hallasha lil Tony Roberts, u ma kien jaf lil hadd iehor bhala s-sid.

L-intimat ressaq ukoll, b'xhieda tieghu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, u bil-permess tal-istess Qorti[15], lil Anna Borg, Michael Spiteri u l-Perit Jean Pierre Attard. Anna Borg[16] ikkonfermat li kienet tigbor il-kera minghand l-intimat, tal-fond mertu tal-kawza, u tghaddiha lil Pamela Roberts, li tghix l-Irlanda. Ghamlet dan ghal seba' snin shah. Il-kera kienet tmur tigborha mill-bar stess, u baqghet taghmel dan sakemm xehdet. L-ahhar kera registrata fuq dan il-ktieb thallset fl-14 ta' April 2015.[17]

Michael Spiteri[18] qal li kien wiehed mis-sidien tal-proprjetajiet madwar il-fond mertu tal-kawza, inkluz dan il-fond, u li din il-proprjeta' kienet giet ghandhom mill-wirt ta' missierhom, qabel bieghuha lis-socjeta' rikorrenti. Qal li jaf li l-intimat jokkupa l-fond mertu tal-kawza, li kien originarjament parti minn dar li kienet tokkupa omm l-intimat, u mbaghad il-hanut qatghuh mid-dar u ghamluh fond separat minghajr il-kunsens tas-sidien ta' dak iz-zmien. Eventwalment, ipprova jitkellem mal-intimat, u ma' ommu, biex jaslu f'arrangament halli johorgu mill-fondi, pero' tant talbu flus li dan l-arrangament ma ntlahaqx. Huwa ddikjara li, bhala sidien tal-fond, qatt ma kellhom relazzjoni lokatizja mal-intimat, qatt ma gharrfuh bhala inkwilin taghhom, u qatt ma rcevew ebda kera minghandu.

Il-Perit Jean Pierre Attard[19] ikkonferma li kien deher fuq il-ftehim privat mal-intimat, ghaliex il-kumpanija tieghu kellha l-hsieb li tixtri l-fond biex tizviluppah. Qal li l-arrangament sar ghaliex l-intimat kien inkwilin tal-fond, ghalkemm iccara aktar tard li ma kienx dahal fil-kwistjoni tat-titolu legali li filfatt kellu l-intimat fuq il-post. In-negozju pero' ma kienx sehh.

Fl-affidavits taghhom imressqa quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[20], it-tlett diretturi u azzjonisti tas-socjeta' rikorrenti nsistew li qatt ma rrikonoxxew lill-intimat bhala inkwilin tal-fond 82A, The Strand, Sliema, u li minkejja li talbuh jizgombra wara li xtraw dawn il-fondi, dan baqa' jokkupah, b'danni kbar ghalihom ghaliex il-proprjeta' xtrawha biex jizviluppawha.

**Ikkunsidra wkoll li:**

---

[15] Ara digriet, fol. 66 sa 68 tal-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[16] Ara xiehda, 7.5.2015, fol. 76 sa 79 tal-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[17] Dok. AB1, fol. 70 tal-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[18] Ara xiehda, 7.5.2015, fol. 80 sa 87 tal-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[19] Ara xiehda, 7.5.2015, fol. 88 sa 91 tal-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[20] Fol. 94 sa 96 tal-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Wara t-trasferiment tal-kawza quddiem dan il-Bord, fit-28 ta' Gunju 2018, is-socjeta' rikorrenti pprezentat kopja ta' ftehim datat 12 ta' Dicembru 2017[21] li ghamlet ma' Pamela sive Pam Carragher, xebba Roberts, bhala inkwilina ta' dan il-fond, li permezz tieghu rrinunzjat u cediet id-drittijiet lokatizji taghha, bi hlas, u ghalhekk l-istess relazzjoni lokatizja spiccat ghal kollox. Hija accettat ukoll li, b'hekk, giet terminata s-sullokazzjoni li missierha kien ghamel dwar dan il-fond lill-intimat, u ntrabtet li tavza b'ittra legali lill-intimat[22] li ma kinitx ser taccetta aktar hlasijiet minghandu, li tirrifondilu kull kera zejda mhallsa lilha *pro rata*, u li tirrevoka kull struzzjoni li setghet tat lil terzi biex jigbru f'isimha dawn il-hlasijiet minghand l-intimat. Is-socjeta' rikorrenti pprezentat ukoll affidavit tal-istess Pamela Carragher[23], fejn din iddikjarat li kienet l-unika eredi ta' missierha Anthony Busuttil Roberts, li dan kien issulloka l-fond mertu tal-kawza lill-intimat, li l-intimat baqa jhallas il-kera l-ewwel lil ommha, u mbaghad lilha bil-mezz ta' Anna Borg. Hija ddikjarat bil-gurament ukoll li hadd iehor ma kellu ebda drittijiet fuq dan il-fond, u li l-unika skrittura fir-rigward kienet dik li kien ghamel missierha mal-intimat datata 5 ta' Mejju 1987.

Is-socjeta' rikorrenti ressqet b'xhud taghha quddiem dan il-Bord lil Dr. Chris Cilia[24], li kien l-avukat li assistieha fin-negozjati biex xtrat il-proprjetajiet 81, 82 u 82A, The Strand, Sliema. Huwa spjega kif, wara li rrizulta li l-fond 82A, The Strand, Sliema, kien sullokat favur l-intimat, is-socjeta' rikorrenti ghamlet ftehim mas-sullokatrici Pamela Carragher, li jirraprezentaha f'Malta l-avukat Martin Fenech, li permezz tieghu intemmet il-kirja li kellha, u maghha s-sullokazzjoni tal-intimat.

Dawn il-fatti kkonfermahom ukoll Mario Bonnici[25], wiehed mid-diretturi tas-socjeta' rikorrenti, f'affidavit iehor li ressaq quddiem dan il-Bord. In kontroezami[26], Mario Bonnici ccara li, ghalkemm kienu jafu li l-fond mertu tal-kawza kien jinfetah u jinghalaq, il-vendituri taghhom kienu qalulhom li l-okkupant ma kellux titolu u ghalhekk mexxew kontrieh quddiem il-Qorti ordinarja bil-procedura sommarja specjali. Huwa qal li kienu sorprizi meta rrizultalhom li dan kellu sullokazzjoni minghand terz. Meta saru jafu dan, bdew negozjati mat-terz bil-mezz tal-avukat taghha u waslu f'arrangament, li pero' fl-ebda mument ma dahal fih l-intimat, u s-socjeta' rikorrenti lanqas ma kellmitu dwaru. Ir-rikorrenti ma rat ebda prova li kien hemm kirja bejn il-vendituri taghha u Pamela Carragher, is-sullokatur tal-intimat, u ghalhekk ir-rikorrenti baqghet tqisu bhala okkupant bla titlu.

Xehed ukoll Dr. Martin Fenech[27] li kkonferma li agixxa bhala mandatarju ta' Pam Carragher, fuq skrittura ta' rinunzja ghal drittijiet lokatizji fuq il-fond 82A, The Strand,

---

[21] Fol. 7 sa 8
[22] Fol. 11
[23] Fol. 9-10
[24] Ara xiehda, 28.6.2018, fol. 12 sa 14
[25] Ara affidavit, fol. 22 sa 23
[26] Ara xiehda, 14.11.2019, fol. 58 sa 61
[27] Ara xiehda, 21.11.2018, fol. 23 sa 25

Sliema. In kontroezami[28], huwa ddikjara li l-ittra legali li baghat lill-intimat fuq struzzjoni tal-mandanti tieghu baghatha bil-posta normali, u qatt ma rcieva risposta ghaliha, pero' lanqas ma rcieva l-ittra lura. Huwa baghatha fl-indirizz tal-hanut mertu tal-kawza.

Meta xehed l-intimat quddiem dan il-Bord[29], huwa kkonferma l-fatti ga dikjarati minnu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Huwa zied jghid li Pamela Carragher ma kellmitux qabel iffirmat il-ftehim privat mas-socjeta' rikorrenti, u li sar jaf bih fil-kors ta' din il-kawza. In kontroezami, huwa kkonferma li ghandu 64 sena u qal li joqghod Bugibba. Ommu Stella Borg, li kienet toqghod fil-post magenb il-hanut, mietet fl-1 ta' April 2018. L-intimat accetta li kien jaf li, meta kera l-hanut minghand Roberts, Roberts innifsu kien inkwilin ukoll tal-post. Huwa qabel ukoll li kienet Anna Borg, li kienet tigbor il-kera f'isem Carragher minghandu, li gharrfitu li Carragher ma kinitx lesta taccetta aktar kera minghandu. Wara dan, huwa beda jiddepozita l-kera fil-Qorti.

Xehdet ukoll in kontroezami Pamela Carragher[30], li ccarat li originarjament kien hemm ftehim ta' tmexxija ta' negozju bejn missierha u l-intimat, u mbaghad meta dahlet fix-xena ommha, sar ftehim proprju ta' kiri, li kien jahseb ghall-hlas ta' kera. Meta mbaghad l-intimat qalilha li kienet saret kawza fuq dan il-fond, ghaliha l-inkwiet ma kienx jaghmel sens, tenut kont tal-kera minima li kienet tircievi, u anke ghaliex tghix l-Irlanda u mhux Malta, u kulma kien jinteressaha kien li tohrog mill-istorja. L-intimat talabha tidhol fil-kawza mieghu, pero' hi ma kinitx lesta taghmel dan, u talbitu jakkwista l-interess taghha minghandha. Hu pero' qal li ma kienx interessat. Hija qalet li, meta saritilha l-offerta mis-socjeta' rikorrenti, kienet l-isptar, kwazi qed tmut, u kellha fiducja shiha fl-avukat taghha, allura halliet f'idejh. Ladarba l-intimat kien irrifjuta li jakkwista d-drittijiet taghha, u kien jaf ezatt kif kienu l-fatti, allura fehmet li ma kellhiex ghalfejn tinfurmah bl-arrangament li kienet ser taghmel, jew ghamlet, mas-socjeta' rikorrenti, biex tirrinunzja ghad-drittijiet taghha u tircievi hlas.

**Ikkunsidra wkoll li:**

Il-kwistjoni li trid tigi determinata minn dan il-Bord f'din l-istanza hija jekk l-intimat Mario Borg baqaghlux jeddijiet kontra s-socjeta' rikorrenti li jiggustifikaw l-okkupazzjoni u l-uzu kummercjali li ghadu qed jaghmel mill-fond proprjeta' taghha 82A, The Strand, Sliema, wara li s-sullokatrici tieghu Pamela Carragher cediet u assenjat il-jeddijiet kollha taghha, inkluz allura ta' lokatrici, lill-istess socjeta' rikorrenti b'mod li dik ir-relazzjoni lokatizja, li minnha skaturiet ir-relazzjoni sullokatizja tal-intimat, m'ghadhiex tezisti.

---

[28] Ara xiehda, 1.4.2019, fol. 45 sa 49
[2929] Ara xiehda, 28.1.2019, fol. 28 sa 42
[30] Ara xiehda, 14.11.2019, fol. 70 sa 79

Fir-rigward tas-sullokazzjoni, il-ligi taghna fl-**art. 1613(1)** tal-Kodici Civili tipprovdi li *'Fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet oħra partikolari, il-kuntratt ta' sullokazzjoni hu regolat mid-dispożizzjonijiet li jgħoddu għall-kuntratt ta' kiri …'*. L-**art. 1620** imbaghad jipprovdi li *'Is-sub-konduttur m'għandux kontra sid il-kera ebda wieħed mill-jeddijiet li jmissu lill-kerrej'* lanqas *'meta s-setgħa li l-kerrej jikri jew iċedi l-kiri lil ħaddieħor ma tkunx ġiet imneħħija jew tkun ġiet mogħtija espressament, iżda dan kemm-il darba sid il-kera ma … jkunx espressament għaraf lis-sub-konduttur minflok il-kerrej.'* (**art. 1621**, Kodici Civili).

Jirrizulta pruvat f'dan il-kaz, tal-anqas fuq bilanc ta' probabiltajiet, li:

(i) il-jedd akkwistat mill-intimat fl-1987 biex juza, jgawdi u jmexxi negozju mill-fond 82A, The Strand, Sliema, kien jedd ta' sullokazzjoni minghand Anthony Busuttil sive Roberts;

(ii) l-intimat dejjem hallas il-kera lil dan Busuttil sive Roberts, u warajh lis-successuri tieghu, sakemm Pamela Carragher irrifjutat li tircievi aktar kera minghandu;

(iii) ma jirrizultax li s-sidien ta' dan il-fond, attwali jew passati, qatt irrikonxoxew lill-intimat bhala inkwilin dirett taghhom dwar dan il-fond, u allura ma tirrizulta ebda relazzjoni lokatizja diretta bejn ir-rikorrenti u l-intimat;

(iv) ghall-kompletezza, lanqas ma tressqet prova tar-relazzjoni lokatizja li kienet tezisti bejn is-sidien ta' dan il-fond, passati jew attwali, u Anthony Busuttil sive Roberts jew is-successuri tieghu, pero' din il-kwistjoni llum hija maghluqa definittivament bil-ftehim li sar bejn ir-rikorrenti u Pamela Carragher li bih, jekk kienet tezisti, giet terminata b'mod definittiv u ghal kollox, kwalunkwe relazzjoni lokatizja li kienet tezisti bejn l-awturi tal-rikorrenti u l-awtur ta' Carragher, jew Carragher stess;

(v) l-intimat ma tax il-kunsens tieghu, u lanqas biss kien involut jew mgharraf, bl-arrangament imsemmi ghat-terminazzjoni tal-kirja milhuq bejn ir-rikorrenti u Carragher.

Il-kwistjoni li trid tigi determinata allura hija jekk tiswiex fil-konfront tal-intimat it-terminazzjoni tar-relazzjoni lokatizja bejn ir-rikorrenti u s-sullokatrici tieghu, jekk saret minghajr il-kunsens u l-gharfien tieghu, u jekk allura, ladarba qatt ma kien rikonoxxut bhala inkwilin direttament mis-sid, baqaghlux jeddijiet fuq il-fond mertu tal-kawza wara t-tmiem tal-kirja originali.

Dawn il-mistoqsijiet wiegbet ghalihom il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Wilfred Karl Gollcher et vs Royal Overseas League St. George's Club**[31] f'kaz fejn il-kirja originali intemmet b'decizjoni ta' dan il-Bord, diversament presjedut, fuq talba tas-sid, u l-fond baqa' okkupat mis-subinkwilin. Minhabba r-rassenja gurisprudenzjali rilevanti

[31] 1.12.2006

riportata, dan il-Bord ser jiccita l-brani rilevanti minn din is-sentenza, ghaliex jghoddu *verbatim* ghal dan il-kaz:

'21. **Fil-kawza Cecil Pace v. Nutar Dottor Vincenzo Maria Pellegrini**, deciza minn din il-Qorti fid-19 ta' Ottubru 1962, giet segwita l-massima "Cessante jure dantis cessat jus adquirentis" :

"Jekk is-sub-inkwilin ma jkunx gie rikonoxxut direttament mil-lokatur originarju, it-titolu tieghu ta' sub-inkwilin jispicca jekk is-sullokatur jabbanduna jew icedi favur il-lokatur originarju d-drittijiet tieghu ta' lokazzjoni; b'mod li s-sub-inkwilin, li kien jikri minn ghandu, ma jistax validament, meta l-lokatur originarju jitlob kontra tieghu r-ripreza ta' pussess tal-fond, jinvoka favur tieghu nnifsu dawk ir-regolamenti u jippretendi li ghandu lokazzjoni favur tieghu valida li ghandha tigi rispettata mil-lokatur originarjament, jew mis-sid. Il-Qorti kkonkludiet li: "ladarba spicca t-titolu ta' Ellul bhala inkwilin, spicca wkoll it-titolu derivattiv ta' l-appellant bhala subinkwilin mhux direttament rikonoxxut minn Calascione."

Imbaghad, din il-Qorti osservat hekk fis-sentenza taghha fl-ismijiet **G.T. Davidson v. J. Azzopardi noe**:

"Id-dritt tas-sub-inkwilin ghad-detenzjoni tal-fond li jigi sullokat jiddependi mit-titolu tal-lokatur jew sullokatur bhala inkwilin principali, b'mod illi jekk jigi biex jispicca t-titolu tas-sullokatur, jispicca wkoll, fil-konfront tas-sid, it-titolu tas-subinkwilin". (App. Kum. 2.3.1962, Koll-Vol XLVI-I477)

22. Similarment, fil-kawza **Francis Mamo et. v. Avukat Peter Borg Costanzi noe**, deciza fil-11 ta' Marzu 1994, il-Qorti tal-Kummerc irriteniet hekk:

**"Illi ghalhekk legalment bejn l-atturi u s-socjeta` konvenuta, anke li kieku ghadha sub-konduttur m'ghandha ebda wiehed mid-drittijiet li kienu kompetenti lill "Neptune Hotel Company Limited" fil-konfront tas-sidien, jigifieri l-atturi. Ghalhekk bir-rinunzja li saret mill-konduttur is-socjeta` konvenuta lanqas ghandha iktar titolu ta' sullokazzjoni.** Kif kellha okkazjoni tippronunzja ruhha in materja l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili (Ara Koll. Vol. XXXIX – II 625).... **"meta jispicca d-dritt tal-konduttur, jispicca mieghu dak tas-sub-konduttur."[32]**

Fil-kawza **Giuseppe Tabone et. v. Ursola Farrugia et.** moghtija fil-11 ta' Dicembru 1950, din il-Qorti kienet irribadiet hekk:

**"Is-sullokazzjoni a differenza ta' cessjoni ta' drittijiet, tohloq kuntratt gdid ta' kiri li ghalih sid il-kera principali huwa totalment estraneju u li huwa nettament distint millkuntratt originali tal-kirja principali, u ghalhekk, quddiem sid il-kera is-subinkwilin huwa terza persuna." "Ghaldaqstant f'kawza ta' zgumbrament li ssir bejn sid ilkera u l-konduttur, s-subkonduttur mhux rapprezentat mill-konduttur u ma kellux parti fil-gudizzju. U ghalhekk, is-subkonduttur li jsib ruhu zgumbrat bis-sahha ta' sentenza li tigi moghtija f'dak il-gudizzju, li fih huwa ma kienx ha sehem, ma ghandux dritt jitlob ir-ritrattazzjoni ta' dik il-kawza, avvolja fiha gie ordnat l-izgumbrament."**

---

[32] Enfasi ta' dan il-Bord

…

27. Din il-Qorti hija ta' l-istess fehma li la darba giet fi tmiemha l-kirja originali, ghalhekk ghandu jigi fi tmiemu wkoll kull dritt li kien marbut ma' tali kirja, inkluz kull dritt ta' sub-inkwilinat mahluq jew derivat mill-inkwilini originali. In effetti persuna li tissulloka ma tistax tghaddi lissubinkwilin aktar drittijiet minn dak li kella dritt ghalihom hi. Ghal dan, l-atturi appellati jikkwotaw lil-Laurent "il conduttore non puo' trasmettere un godimento piu' esteso di quello che egli stesso ha"[33]

…

Ghalhekk, gustament il-Qorti ta' l-ewwel grad elenkat numru ta' principji legali li jirregolaw ilmaterja taht diskussjoni u li din il-Qorti qeghda hawn terga' tipproponi peress li huma sunt komprensiv talfehmiet ta' din il-Qorti wkoll (fol.199):

**"1. Illi s-sullokazzjoni hija kirja gdida, awtonoma u estranea ghall-kirja originali.**

**2. Illi malli tigi terminata l-kirja originali, jispicca t-titolu ta' l-inkwilin originali u per konsegwenza u awtomatikament jispicca t-titolu derivattiv mit-titolu originali.**

**3. Illi huwa mmaterjali l-mod kif tigi terminata l-kirja originali, jekk hux volontarjament da parti ta' l-inkwilin originali u cioe` b'rinunzja jew inkella, bhal fil-kaz prezenti, b'imposizzjoni mill-awtorita` gudizzjarja. Il-fattur principali, anzi vitali, huwa l-fatt tat-terminazzjoni tat-titolu originali ta' l-inkwilin. Gia` la darba ssehh din it-terminazzjoni, it-titolu derivanti minnha jispicca.**

**4. Illi dawn il-principji japplikaw kemm-il darba l-lokatur originali jew sid il-kera principali ma jkunx irrikonoxxa lis-sub-inkwilin."**[34]

Dan l-insenjament gie konfermat fl-intier tieghu sa ricentement mill-Qorti tal-Appell stess fis-sentenzi **John A. Cuschieri et vs Paul Ciantar et**[35] u **Kisinchand Mohnani vs Claire Hobbs et**[36]. B'applikazzjoni tieghu, dan il-Bord jasal ghall-konkluzjoni li r-relazzjoni lokatizja bejn ir-rikorrenti u Carragher illum hija terminata, u li minkejja li dik it-terminazzjoni saret minghajr l-gharfien u l-involviment tal-intimat bhala subinkwilin, din xorta wahda ghandha l-konsegwenza li tizvestih minn kull jedd li jibqa' jokkupa l-fond 82A, The Strand, Sliema.

**Decide**

[33] Enfasi ta' dan il-Bord
[34] Enfasi ta' dan il-Bord
[35] 15.7.2019
[3636] 18.7.2017

Ghar-ragunijiet kollha fuq spjegati, dan il-Bord qieghed jiddeciedi din il-kawza billi jichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-intimat, u jghaddi biex jilqa' t-tieni u t-tielet talbiet tas-socjeta' rikorrenti, u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex jizgombra mill-fond 82A, The Strand, Sliema, u jirrilaxxjah battal favur is-socjeta' rikorrenti, sa mhux aktar tard minn tlett xhur mil-lum.

In vista tar-rizultanzi, u partikolarment li l-kirja li kellha s-sullokatrici giet terminata bi qbil mas-socjeta' rikorrenti fil-mori ta' din il-kawza, kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**

**Cora Azzopardi**
**Deputat Registratur**